# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 1362/99**

**Numru 30**

**W.J. Parnis England Limited**

**vs**

**NIKOS MARITIME LIMITED bhala proprjetarja/armatrici tal-bastiment M.V. NIKOS**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm830.59) spejjes inkorsi in konnessjoni mad-detenzjoni tal-bastiment M.V. NIKOS f'Malta fis-27 ta' April, 1998, ghal "Flag State Inspection" kollox kif jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz bhala dokument "A".

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarji tas-26 ta' Frar, u tas-17 ta' Mejju, 1999, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-imghax mid-data tas-servizzi resi u senjatament mis-27 ta' April 1998 kontra s-socjeta' l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta li biha eccepiet (fol 20 tal-atti) "Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan l-istadju, ma tistax ma issirx referenza ghall-unika eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta liema eccezzjoni kif proposta ma tispecifikax u ma tispjegax ghaliex l-ammont specifikat fl-avviz in esami ma hux dovut.

Illi, in konnessjoni ma' dan, issir referenza a fol 21 tal-atti fejn jinghad ".... permezz ta' nota fir-registru is-socjeta konvenuta trid taghti r-raguni ghaliex l-ammont mhux dovut".

Illi din in-nota ma saritx sad-data tallum.

Illi fit-13 ta' Gunju 2000, l-kawza kienet differita ghall-provi tas-socjeta' konvenuta (ara fol 22 ibid). Giononostante, u avolja kienu inghataw zewg differimenti ghal dan il-ghan (fol 25 u 26 ibid) is-socjeta konvenuta ma resqet ebda prova.

Ikkunsidrat

Illi, s-socjeta' attrici, permezz tax-xhieda ta' Joseph Bowman (fol 23 u 24 tal-atti) kif ukoll tad-dokumenti presentati mal-istess avviz (fol 2 sa 15 ibid) resqet il-provi taghha dwar it-talba in esami, mill-liema provi jidher li t-talba specifikata fl-avviz giet pruvata u hi gustifikata skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attriici is-somma ta' Lm830.59,0 bl-imghax legali mis-27 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tas-26 ta' Frar 1999 u tas-17 ta' Mejju 1999 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-23 ta' Settembru 1999.

J Borg
Dep.Reg